**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. It-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew"**

*(COM(2021) 188 final)*

(2021/C 517/11)

Relatur: **Stefan BACK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 31.5.2021 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 8.9.2021 |
| Adottata fil-plenarja | 22.9.2021 |
| Sessjoni plenarja Nru | 563 |
| Riżultat tal-votazzjoni | |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | 191/1/10 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-Pakkett dwar il-Finanzi Sostenibbli u jenfasizza r-rwol ewlieni potenzjali tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (ir-"Regolament Delegat") ([1]) fil-ħolqien ta' qafas ċar, koerenti u komprensiv biex jiġi enfasizzat l-iżvilupp ambizzjuż ta' ekonomija aktar ekoloġika mingħajr effetti ta' intrappolament tal-klijentela, bi kriterji tekniċi li jiddefinixxu b'mod ċar l-investimenti ekoloġiċi li jikkontribwixxu direttament għall-objettivi klimatiċi tal-Ewropa u li magħhom jistgħu jiġu allinjati l-prattiki tas-setturi tan-negozju kkonċernati u dawk tas-settur finanzjarju.

1.2. Il-KESE jenfasizza l-urġenza ta' miżuri effiċjenti biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-tnaqqis fl-emissjonijiet, previsti fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima u fid-dawl tas-sitt rapport tal-IPCC ([2]) (Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima). Għal din l-istess raġuni, huwa essenzjali li jintużaw għodod effiċjenti, applikabbli faċilment, innovattivi u produttivi, biex jinkisbu riżultati rapidi u li jinqraw. Il-valutazzjoni tar-Regolament Delegat għandha titwettaq f'dan l-ispirtu.

1.3. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tar-Regolament Delegat fil-ħolqien ta' trasparenza permezz ta' kriterji ċari fir-rigward tal-investiment sostenibbli biex jgħin lil dawk li jixtiequ jinvestu fi proġetti bħal dawn u b'hekk jipprevjeni kemm il-greenwashing kif ukoll iqajjem kuxjenza u jattira l-investiment fi proġetti sostenibbli. Għaldaqstant, jista' joħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ġusti u trasparenti għall-finanzjament ekoloġiku fl-UE.

1.4. Definizzjoni ċara u preċiża tal-kriterji tekniċi stabbiliti fir-Regolament Delegat li jissodisfaw l-ambizzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-Ewropa hija għalhekk il-prerekwiżit fundamentali għal impenn raġonevoli, realistiku u aċċettabbli mingħajr ir-riskju ta' greenwashing. Minħabba r-rwol ċentrali tar-Regolament Delegat fil-kredibbiltà tat-tassonomija kredibbli — li hija essenzjali għas-suċċess ta' din is-sistema essenzjalment volontarja — il-ksib ta' dan l-impenn huwa sfida ewlenija.

1.5. Il-KESE huwa, għaldaqstant, tal-fehma li l-attivitajiet u l-proġetti ekonomiċi definiti bħala "sostenibbli" fir-Regolament Delegat iridu jkunu attraenti għall-investituri fl-ekonomija reali u jassumi li l-investituri se jistennew li proġett sostenibbli jkun realistiku, jista' jinkiseb, raġonevolment profittabbli u prevedibbli għall-atturi fis-suq. Fi kliem ieħor, iridu jkunu attraenti mingħajr ma joħolqu riskju ta' greenwashing.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C(2021) 2800 final).

([2]) IPCC (2021) Climate Change 2021 — The Physical Science Basis (It-Tibdil fil-Klima 2021 — Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika) (mhux disponibbli bil-Malti).

1.6. F'termini ġenerali, livell għoli ta' ambizzjoni fir-rigward ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew rekwiżiti ta' informazzjoni estensivi bi projezzjonijiet futuri fit-tul fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu jkunu sfida kumplessa u għalja, b'mod partikolari għall-SMEs f'ekonomija tas-suq. Dan qajjem ukoll il-kwistjoni ta' rikonoxximent usa' ta' soluzzjonijiet tranżitorji bħala perkors ekoloġiku li jiżgura tranżizzjoni bla xkiel. Madankollu, huwa imperattiv li jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela.

1.7. Il-KESE jieħu nota tat-tħassib tal-atturi tal-ekonomija reali rigward l-effetti negattivi tar-Regolament Delegat dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament u l-ispejjeż. Il-Kumitat għalhekk jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ adegwat mill-awtoritajiet ta' sorveljanza għall-prevenzjoni ta' effetti distorsivi fuq is-swieq finanzjarji, b'mod partikolari fid-dawl tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji tat-tassonomija biex jinkludu, pereżempju, ir-rappurtar mhux finanzjarju u l-istandard Ewropew propost għall-bonds ekoloġiċi.

1.8. Il-KESE jirrimarka wkoll dwar ir-riskju ta'spejjeż eċċessivi fl-implimentazzjoni tal-kriterji tat-tassonomija kif previst fir-Regolament Delegat. Huwa għalhekk li l-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata assigurazzjoni ekoloġika għall-SMEs biex jitnaqqas dan ir-riskju tal-ispejjeż.

1.9. Ir-Regolament Delegat jistabbilixxi standards ambjentali li spiss ikunu aktar ambizzjużi minn dawk tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE. Meta jitfakkar l-bżonn taċ-ċarezza u l-attraenza msemmija hawn fuq, dan jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' konfużjoni, inklużi problemi ta' finanzjament għal atturi li jikkonformaw mal-ogħla standards ambjentali skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE. Il-KESE jaqbel li hemm bżonn ta' ambizzjoni għolja iżda madankollu għal raġunijiet prattiċi u biex tiġi evitata l-konfużjoni jirrakkomanda li jiġu applikati l-ogħla standards ambjentali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE tal-livell 1 għat-tassonomija. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat (att fit-2 livell) jidher li fih xi dispożizzjonijiet li huma inkonsistenti, mhux ċari u mhux ivvalutati bis-sħiħ. Meta wieħed iqis dan flimkien mad-dikjarazzjonijiet li saru hawn fuq, b'mod partikolari fil-punti 1.5–1.10, iwassal lill-KESE biex jistaqsi jekk ir-Regolament Delegat fil-forma attwali tiegħu, minkejja l-objettiv ta' min ifaħħru, huwiex adattat għall-iskop tiegħu. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti biex iżżid l-istandards tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE.

1.10. Il-KESE jilqa' inizjattivi biex tittejjeb is-sistema tat-tassonomija skont il-linji deskritti hawn fuq biex titwessa' l-kopertura tagħha u tittejjeb bħala mezz ta' appoġġ għall-għanijiet tal-politika tal-UE dwar il-klima, permezz ta' implimentazzjoni effiċjenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu aktar inizjattivi f'dik id-direzzjoni. Il-Kumitat jinnota li l-kwistjoni importanti tat-tassonomija tal-UE ta' attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-klima u l-ambjent għadha miftuħa. Dan għandu jiġi indirizzat b'mod urġenti.

## 2. **Sfond**

2.1. Fil-21 ta' April 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Pakkett dwar il-Finanzi Sostenibbli ("il-Pakkett") li jikkonsisti fi:

— il-Komunikazzjoni *It-Tassonomija tal-UE, ir-Rappurtar dwar is-Sostenibbiltà Korporattiva, il-Preferenzi dwar is-Sostenibbiltà u d-Dazji Fiduċjarji: Nidderieġu l-Finanzi lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew* ([3]);

— Regolament Delegat li jissupplimenta tnejn mis-sitt objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("ir-Regolament dwar it-Tassonomija") bi kriterji tekniċi ta' skrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (Artikolu 10) u li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima (Artikolu 11), kif ukoll kriterji li jiddeterminaw jekk attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali (Artikolu 17). Ir-Regolament Delegat ġie adottat formalment fl-4 ta' Ġunju 2021;

— Proposta għal Direttiva ġdida dwar ir-Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva;

— l-atti delegati emendati skont id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID II) u d-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (IDD). Dawn jintroduċu s-sostenibbiltà bħala parti mill-informazzjoni li għandha tingħata lill-klijenti qabel id-deċiżjonijiet ta' investiment;

---

([3]) COM(2021) 188 final.

([4]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

— emendi ulterjuri għal atti delegati rigward id-dmirijiet fiduċjarji, u għal atti delegati dwar l-immaniġġjar tal-assi, l-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni u l-investiment biex jiġu inklużi r-riskji ta' sostenibbiltà mal-valur tal-investimenti.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Skont il-Komunikazzjoni, il-Pakkett huwa maħsub bħala mezz biex jinkoraġġixxi l-investiment privat fi proġetti sostenibbli, biex jipprovdi r-riżorsi finanzjarji vasti meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-Patt Ekoloġiku, lil hinn mir-riżorsi allokati biex jgħinu l-ekonomija Ewropea tirkupra mill-kriżi tal-COVID-19.

3.2. Il-Komunikazzjoni tenfasizza l-importanza tar-Regolament Delegat fl-istabbiliment tal-kriterji li jiddefinixxu l-attivitajiet ekonomiċi ekoloġiċi li se jagħtu kontribut sostanzjali għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku.

3.3. Il-KESE jilqa' l-Pakkett u jenfasizza r-rwol ewlieni potenzjali tar-Regolament Delegat fil-ħolqien ta' qafas ċar, koerenti u komprensiv biex jippermetti l-iżvilupp ambizzjuż ta' ekonomija aktar ekoloġika mingħajr effetti ta' intrappolament tal-klijentela, bi kriterji tekniċi ċari u trasparenti li jiddefinixxu l-investimenti ekoloġiċi li jikkontribwixxu direttament għall-objettivi klimatiċi tal-Ewropa u li magħhom jistgħu jiġu allinjati l-prattiki tas-setturi tan-negozju kkonċernati u tas-settur finanzjarju.

3.4. Il-KESE jenfasizza l-urġenza ta' miżuri effiċjenti biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-tnaqqis l-emissjonijiet kif previsti fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima u fid-dawl tas-sitt rapport tal-IPCC ([5]). Għal din l-istess raġuni, huwa essenzjali li jintużaw għodod effiċjenti, applikabbli faċilment, innovattivi u produttivi, biex jinkisbu riżultati rapidi u li jinqraw. Il-valutazzjoni tar-Regolament Delegat għandha titwettaq f'dan l-ispirtu.

3.5. Definizzjoni ċara u preċiża tal-kriterji tekniċi stabbiliti fir-Regolament Delegat li jissodisfaw l-ambizzjoni ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għall-Ewropa hija għalhekk il-prerekwiżit fundamentali għal impenn raġonevoli, realistiku u aċċettabbli mingħajr ir-riskju ta' greenwashing. Minħabba r-rwol ċentrali tar-Regolament Delegat fil-kredibbiltà tat-tassonomija kredibbli — li hija essenzjali għas-suċċess ta' din is-sistema essenzjalment volontarja — il-ksib ta' dan l-impenn huwa sfida ewlenija.

3.6. Madankollu, il-KESE jilqa' l-ambizzjoni murija fir-Regolament Delegat, li jiġi stabbilit standard uniformi tal-UE li jiddefinixxi attivitajiet li jikkwalifikaw bħala li jikkontribwixxu sostanzjalment għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-kriterji tekniċi għandhom jipprovdu qafas ċar għal investimenti ekoloġiċi sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u jiġu evitati proġetti ta' greenwashing. Il-fehmiet ivarjaw fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-utilità tal-għażliet tranżitorji. Il-KESE huwa tal-fehma li l-kriterji tekniċi għandhom joffru possibbiltajiet usa' biex soluzzjonijiet tranżitorji jiġu rikonoxxuti bħala d-direzzjoni li tippermetti tranżizzjoni faċli. Huwa imperattiv li jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela.

3.7. Il-KESE jieħu nota tad-dikjarazzjoni fil-Komunikazzjoni li r-Regolament Delegat għandu jitqies bħala dokument ħaj li se jevolvi maż-żmien kemm fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll tal-livell.

3.8. Għalhekk, il-KESE, jirrikonoxxi r-rwol importanti tar-Regolament Delegat fil-ħolqien tat-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti u li jattiraw investituri li jixtiequ jinvestu fi proġetti sostenibbli. Għalhekk, dan jifforma bażi għad-definizzjoni ta' attività ekonomika bħala ambjentalment sostenibbli, kif ukoll għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji dwar it-trasparenza u d-divulgazzjoni stabbiliti fir-Regolament dwar it-Tassonomija. Dan jista' jkun sinifikanti f'termini ta' tixrid tal-għarfien u ta' attrazzjoni tal-investiment fi proġetti sostenibbli u l-prevenzjoni tal-greenwashing.

3.9. Ir-Regolament Delegat huwa deskritt bħala għodda ta' trasparenza u huwa parti minn sistema volontarja fis-sens li l-operaturi tas-suq mhumiex obbligati li jissodisfaw l-istandards li dan jistabbilixxi, u lanqas l-investituri ma huma obbligati jinvestu f'attivitajiet ekonomiċi jew fi proġetti li jissodisfaw dawk l-istandards.

3.10. Għalhekk, kif diġà ġie indikat, l-attivitajiet u l-proġetti ekonomiċi definiti bħala sostenibbli skont ir-Regolament Delegat iridu jkunu ċari biex ikunu attraenti għall-investituri fl-ekonomija reali. Huwa wkoll raġonevoli li wieħed jassumi li l-investituri se jinvestu fi proġetti ekoloġiċi sostenibbli realistiċi, profittabbli u prevedibbli. L-aspettattivi tal-profittabbiltà jistgħu jvarjaw u ħafna drabi jkunu aktar baxxi f'sitwazzjonijiet li jinvolvu finanzjament permezz ta' banek kooperattivi jew banek bi proprjetà lokali jew reġjonali jew 5-6 % minflok 11-15 % kif ġeneralment mistenni. Profitabbiltà akbar ġeneralment tattira flussi kbar ta' kapital, filwaqt li l-għażla tal-banek kooperattivi jew reġjonali tipikament tista' tikkonċerna proġetti fuq skala iżgħar.

---

([5]) Climate Change 2021 – The Physical Science Basis, 2021.

3.11. Huwa kruċjali li l-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat biex attività ekonomika jew proġett jikkwalifika bħala ambjentalment sostenibbli jidhru li jistgħu jintlaħqu bi spiża raġonevoli, profittabbli u raġonevolment prevedibbli jew, fi kliem ieħor, bħala kummerċjalment attraenti. F'dan il-kuntest huwa madankollu importanti li jitfakkar li b'mod partikolari l-SMEs ħafna drabi jkunu jeħtieġu appoġġ biex jiġġestixxu t-tranżizzjoni ekoloġika. Xorta waħda, it-tassonomija bħala tali għandha tkun limitata għal kriterji tekniċi.

3.12. Jekk it-tassonomija tonqos milli tissodisfa l-kriterji stabbiliti fiż-żewġ paragrafi preċedenti, il-prospetti tal-proġett kollu jistgħu jiġu ddubitati. Sistema volontarja għandha tkun attraenti biex iġġib it-trasformazzjoni li qed tfittex.

3.13. Abbażi tal-elementi ewlenin deskritti hawn fuq, għadd mid-dispożizzjonijiet fir-Regolament Delegat jidhru dubjużi. F'termini ġenerali, livell għoli ta' ambizzjoni fir-rigward ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew rekwiżiti estensivi ta' informazzjoni bi projezzjonijiet futuri fit-tul fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, jista' jidher diffiċli wisq biex jinkiseb, li huwa kumpless wisq, għali jew mhux profittabbli biżżejjed f'ekonomija orjentata lejn is-suq ħlief għal għadd żgħir ta' atturi kbar ħafna u bi ftit attenzjoni għall-effetti prattiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs. Dan ikun ifisser it-telf tal-adozzjoni wiesgħa ovvjament imfittxa, filwaqt li xorta waħda jikkawża diffikultajiet ta' finanzjament għal dawk il-kumpaniji li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli tal-UE, iżda mhux mar-Regolament Delegat. Huwa għalhekk li l-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata assigurazzjoni ekoloġika għall-SMEs biex jitnaqqas dan ir-riskju tal-ispejjeż. Xi eżempji ta' dan se jingħataw aktar 'l isfel, taħt "Kummenti speċifiċi".

3.14. Atturi fl-ekonomija reali esprimew tħassib li l-kriterji tekniċi stabbiliti fir-Regolament Delegat jistgħu jwasslu għal diffikultajiet ta' finanzjament rigward attivitajiet li ma jikkonformawx mar-Regolament. Il-KESE jaqbel li jista' jkun hemm riskju bħal dan, meta wieħed iqis li l-kamp ta' applikazzjoni tat-tassonomija qed jitwessa' biex iservi bħala bażi għar-rappurtar mhux finanzjarju skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar it-Tassonomija, kif ukoll għall-istandard Ewropew propost għall-bonds ekoloġiċi ([6]).

3.15. Il-KESE għalhekk jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet ta 'sorveljanza jimmonitorjaw l-applikazzjoni tar-Regolament Delegat biex jiġu evitati effetti diskriminatorji dwar il-possibbiltajiet ta' kreditu u l-ispejjeż tal-kreditu fir-rigward ta' impriżi li ma jissodisfawx il-kriterji tat-tassonomija. Dawk l-atturi xorta għandhom jingħataw trattament ġust meta jattiraw mezzi finanzjarji meħtieġa.

3.16. F'dan il-kuntest, il-KESE jirreferi għal rapport tal-esperti tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru tal-Finanzi Ġermaniż li jindika li huwa diffiċli ħafna li wieħed jipprova jidderieġi l-użu tal-flussi tal-kapital fl-ekonomija reali permezz tar-regolamentazzjoni finanzjarja, u dan ikun jeħtieġ leġiżlazzjoni estensiva, dettaljata u kompleta ħafna, u li tassonomija bħal din iġġib magħha r-riskju ta' kumplessità għolja u spejjeż burokratiċi eċċessivi ([7]).

3.17. L-uniċi elementi obbligatorji fil-Pakkett, sa fejn hija kkonċernata din l-Opinjoni, huma d-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament dwar it-Tassonomija u l-atti delegati emendati relatati mas-swieq fl-istrumenti finanzjarji, id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni u diversi dmirijiet fiduċjarji biex titqajjem kuxjenza dwar il-possibbiltajiet u r-riskji involuti f'investimenti sostenibbli u biex jiġi żgurat li l-klijenti u l-klijenti prospettivi jkunu infurmati biżżejjed f'dan ir-rigward.

3.18. L-atti delegati tas-suq finanzjarju jidhru li huma adatti għall-iskop ġenerali u għalhekk huma għodod adegwati biex titqajjem kuxjenza dwar l-investimenti sostenibbli u b'hekk tinfetaħ it-triq biex ir-riżorsi meħtieġa ħafna jiġu diretti lejn investimenti bħal dawn.

3.19. Ir-Regolament Delegat jistabbilixxi standards ambjentali li spiss ikunu aktar ambizzjużi minn dawk tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE. Meta jitfakkar l-bżonn taċ-ċarezza msemmi fil-punt 3.6, dan l-istandard doppju jista' jwassal għal sitwazzjoni ta' konfużjoni, inkluż problemi ta' finanzjament għal atturi li jikkonformaw mal-ogħla standards ambjentali skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE. Il-KESE jaqbel li hemm bżonn livell għoli ta' ambizzjoni, iżda madankollu, għal raġunijiet prattiċi u sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, jirrakkomanda li jiġu applikati l-ogħla standards ambjentali stabbiliti fl-1 livell tal-leġiżlazzjoni tal-UE għall-finijiet tat-tassonomija wkoll sabiex din tkun tista' tissodisfa b'mod effiċjenti l-obbligu tagħha li tiżgura t-trasparenza tal-prodotti finanzjarji u tipprevjeni l-greenwashing. Meta wieħed iqis dawn

([6]) Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-bonds ekoloġiċi Ewropej (COM(2021) 391 final – 2021/0191 (COD)).

([7]) *Grüne Finanzierung und Grüne Staatsanleihen — Geeignete Instrumente für eine wirksame Umweltspolitik?* [Finanzjament Ekoloġiku u Titoli tat-Teżor Ekoloġiċi — Strumenti adegwati għal Politika Ambjentali Effettiva?] — Bord Konsultattiv Xjentifiku fil-Ministeru Federali tal-Finanzi — Rapport 02/2021 (mhux disponibbli bil-Malti).

ir-raġunijiet flimkien mad-dikjarazzjonijiet li saru fil-punti 3.6 u 3.13–3.16 hawn fuq, iwassal lill-KESE biex jistaqsi jekk ir-Regolament Delegat (att fit-2 livell) fil-forma attwali tiegħu, minkejja l-objettiv ta' min ifaħħru, huwiex adattat għall-iskop tiegħu ([8]). Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti biex iżżid l-istandards tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE.

3.20. Huwa magħruf sew li l-prodotti finanzjarji ekoloġiċi huma attraenti għas-swieq finanzjarji. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-intenzjoni bażika tat-tassonomija li toħloq trasparenza, tipprevjeni l-greenwashing u tiġbed l-attenzjoni għall-prodotti finanzjarji ekoloġiċi iżda xorta waħda javża kontra r-riskju ta' effetti bla bażi fuq is-swieq finanzjarji.

3.21. Il-KESE jilqa' inizjattivi biex tittejjeb is-sistema tat-tassonomija skont il-linji deskritti hawn fuq biex titwessa' l-kopertura tagħha u din tittejjeb bħala mezz sinifikanti ta' appoġġ għall-għanijiet miftiehma tal-politika klimatika tal-UE, permezz tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu aktar inizjattivi f'dik id-direzzjoni.

3.22. Il-Kumitat jinnota li l-kwistjoni importanti tat-tassonomija tal-UE ta' attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-klima u l-ambjent għadha miftuħa. Dan għandu jiġi indirizzat b'mod urġenti.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

*Ir-Regolament Delegat*

4.1. Il-KESE jenfasizza r-rwol ewlieni tal-enerġija rinnovabbli fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu żgurati soluzzjonijiet transitorji adatti, kif meħtieġ, fost l-oħrajn, biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-ktajjen tal-valur tal-loġistika, filwaqt li tingħata attenzjoni għall-ħtieġa imperattiva li jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela.

4.2. Mill-punt 6.3 tal-Anness 1 tar-Regolament Delegat jidher li x-xarabanks, li jissodisfaw il-kriterju ta' emissjonijiet żero mill-egżost, jikkwalifikaw biss bħala sostenibbli jekk joperaw fit-traffiku urban u suburban, filwaqt li operazzjonijiet oħra tax-xarabanks huma eliġibbli biss għall-hekk imsejħa attivitajiet tranżitorji sal-31 ta' Diċembru 2025 jekk jikkorrispondu għall-ogħla kategorija tal-klassi EURO (EURO VI). Fin-nuqqas ta' dan, se japplika kriterju ta' emissjonijiet żero mill-egżost, iżda mit-test jidher li dan jikkwalifika biss bħala attività tranżitorja soġġetta għal rivalutazzjoni mill-inqas kull tliet snin, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Jidher li ma hemm l-ebda referenza għall-istandards stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa. Minħabba l-inċertezza tas-sitwazzjoni wara l-31 ta' Diċembru 2025, min imbagħad se jazzarda jinvesti f'kumpanija tax-xarabanks? Il-klassifikazzjoni tal-ogħla rekwiżiti ambjentali fil-leġiżlazzjoni tal-UE — EURO VI — bħala attività tranżitorja tidher stramba u x'aktarx toħloq konfużjoni.

4.2.1. Vetturi tqal tal-merkanzija — HGVs (il-kategorija N2 u N3) fis-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (it-Taqsima 6.6) jikkwalifikaw bħala sostenibbli jekk jikkwalifikaw bħala vetturi mingħajr emissjonijiet skont l-Artikolu 3 (11) tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) b'emissjonijiet taħt il-1g $CO_2$/km jew, għal vetturi ta' aktar minn 7,5 tunnellati "fejn teknoloġikament u ekonomikament mhux fattibbli" li jiksbu emissjonijiet żero, dawn jissodisfaw standards baxxi ta' emissjonijiet skont l-Artikolu 3 (12) bħala attività tranżitorja. Għal vetturi kummerċjali ħfief, LCVs b'piż mgħobbi massimu sa 3,5 tunnellati (N1), japplikaw emissjonijiet żero mill-egżost. Is-servizzi l-oħrajn kollha tat-trasport tal-merkanzija bit-triq huma tranżitorji.

4.2.2. It-trattament tal-HGVs juri approċċ pragmatiku li kellu jkun aktar frekwenti fir-Regolament Delegat. Ir-rekwiżit ta' emissjonijiet żero tal-egżost għal-LCVs (N1) fit-Taqsima 6.6 jidher inkonsistenti mat-Taqsima 6.5 dwar it-trasport b'muturi, karozzi u LCVs fejn, għal ebda raġuni ovvja, japplikaw dispożizzjonijiet aktar laxki.

4.2.3. B'kollox inkunsiderazzjoni, it-trattament differenti tal-vetturi tat-triq f'attivitajiet differenti jidher inkonsistenti u mħawwad, mingħajr spjegazzjoni tal-approċċ differenti ħafna f'kuntesti differenti.

---

([8]) *Sustainable finance — Eine kritische Würdigung der deutschen und europäischen Vorhaben* (Finanzi sostenibbli — Evalwazzjoni kritika tal-proposti Ġermaniżi u Ewropej) — IKH München und Oberbayern, Leibnitz — Institut für Wirtschaftsforschung an de Universität München e.V. 2020 (mhux disponibbli bil-Malti)

([9]) Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

4.3. Dispożizzjoni rikorrenti fit-Taqsima 6 (Trasport) tal-Anness 1 teskludi l-vetturi jew il-bastimenti ddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili; peress li l-aċċess għal tali fjuwils ma għandux jiġi ffaċilitat. Madankollu, skont il-premessa 35, l-"użu" ta' dan ir-rekwiżit jista' jiġi vvalutat. Ikun jidher li huwa dubjuż li jiddaħħal rekwiżit meta jkun hemm dubji dwar l-utilità tiegħu. Barra minn hekk, ir-rekwiżit mhuwiex ċar. Vettura spiss tista' tittrasporta kemm fjuwils fossili kif ukoll fjuwils alternattivi. Mhuwiex ċar jekk ir-rekwiżit jirreferix għall-kostruzzjoni jew għall-użu ta' vettura jew ta' bastiment, u għalhekk la l-interpretazzjoni u lanqas l-impatt ma huma ċari.

4.4. Aktar eżempji huma offruti mid-dispożizzjonijiet dwar l-analiżi tal-benefiċċji klimatiċi fil-punti 1.1, 1.2 u 1.3 tal-Anness 1, li jieħdu prijorità, pereżempju, fuq il-pjani ta' tisġir, il-pjani ta' restawr tal-foresti u l-pjani ta' ġestjoni tal-foresti u li japplikaw għal azjendi żgħar ta' 13-il ettaru. Ir-rekwiżiti jidhru pjuttost kumplessi u r-referenza magħmula għad-disponibbiltà tal-għodod online pprovduti mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti x'aktarx li tkun ta' ftit konsolazzjoni għal detenturi żgħar u turi s-sitwazzjoni ta' żvantaġġ għal impriżi iżgħar maħluqa mill-approċċ minn fuq għal isfel użat fir-Regolament Delegat.

4.5. Ċertament, il-preservazzjoni tal-foresti, inklużi l-bjar tal-karbonju, hija element essenzjali tal-politika ambjentali tal-UE, iżda l-obbligi amministrattivi jridu jibqgħu proporzjonali għar-riżorsi ta' dawk fil-mira. Il-prinċipji applikati mill-Kunsill tal-Amministrazzjoni Forestali huma eżempju ta' prinċipji ċari u raġonevoli għall-isfruttament u l-ġestjoni tal-foresti ([10]).

4.6. Fir-rigward tal-adattament għat-tibdil fil-klima, tista' ssir referenza għad-dispożizzjonijiet fil-punt 1.3 tal-Anness 2 dwar il-ġestjoni tal-foresti u fil-punt 6.3 dwar it-trasport urban, suburban u interurban tal-passiġġieri bit-triq, li tipprovdi għal analiżi tal-effetti klimatiċi ta' investimenti kbar li jkopru minn 10 sa 30 sena.

4.7. Id-dikjarazzjoni fil-Komunikazzjoni li t-tassonomija ma taċċettax attivitajiet li jtejbu l-livelli attwali tal-prestazzjoni ambjentali, iżda mhux fil-livell ta' kontribuzzjoni sostanzjali, tmur kontra l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Għalhekk, kif diġà ġie ssuġġerit, għandu jingħata aktar spazju għal soluzzjonijiet tranżitorji.

Brussell, it-22 ta' Settembru 2021.

Christa SCHWENG
*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

---

([10]) www.fsc.org.